**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Lulju 2016**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Gur. Nru. 783/14 JZM**

**Martin Cassano**
**(ID 782253M)**

***kontra***

**Alessandro sive` Sandro Cassano**
**(ID 9667M)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat upprezentat fl-10 ta` Settembru 2014 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk –

*Illi nhar it-12 ta` Settembru 2004 miet missier il-kontendenti Alfred Cassano ;*

*Illi fl-ahhar testment ta` l-imsemmi Alfred Cassano tas-26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel (Dok A) ;*

*Illi ai termini tat-tieni artikolu ta` l-imsemmi testment, il-konvenut kellu fi zmien hames snin mid-data tal-mewt ta` l-imsemmi testatur ihallas lil kull wiehed minn hutu, inkluz l-attur, is-somma ta` sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) ekwivalenti ghal disa` u tletin elf hames mija u sigha u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu - ghal darba wahda biss, liema somma thalliet b`titolu ta` prelegat in piena proprjeta` lil kull wahda mill-atturi ahwa Cassano ;*

*Illi fil-frattemp kien sar tpacija ta` parti minn dfina s-somma ma` akkwist ta` vettura mill-attur, li kienet tifforma parti mill-wirt. Il-prezz kellha titnaqqas mis-somma imsemmija hawn fuq. Il-konvenut kellu jhallas elfejn liri Maltin (Lm2,000) lil hutu Bernadette Gatt u Christine Scerri, izda l-konvenut kull ma hallas kien elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500) ;*

*Illi l-bilanc dovut lill-attur jammonta ghal tlettax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm13,500) ekwivalenti ghal wiehed u tletin elf erba` mija hamsa u hamsin Ewro (€31,455) ;*

*Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tar-rikors guramentat ;*

*2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas tlettax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm13,500) ekwivalenti ghal wiehed u tletin elf erba` mija u hamsa u hamsin Ewro (€31,455).*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014 fejn, wara li sabet illi *prima facie* l-konvenut kellu eccezzjonijiet xi jgib kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, tat lill-konvenut zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut fis-6 ta` Novembru 2014 li taqra hekk –

*1. ILLI preliminarjament, u in limine litis, l-esponenti jirrileva lill-Qorti illi tezisti kawza ohra, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, Rikors Guramentat 71/08 AF fl-ismijiet "Bernardette mart Vincent Gatt minnu legalment separata, u Christine mart Albert Scerri vs Alessandro sive Sandro Cassano u ghal kull interess li jista` jkollu Martin Cassano." L-atturi f`din il-kawza talbu dikjarazzjoni illi "l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lill-konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, kif fizikament diviz minn Alfred Cassano u 2. konsegwentement tiddikjara u tikkonferma li l-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testament, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta` kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz, (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti. Din il-kawza hija sal-lum pendenti u differita ghas-sentenza ghas-7 ta` Jannar 2015 ;*

*2. ILLI preliminarjament, in limine litis, jigi rilevat illi din il-Qorti kif presjeduta iddecidiet kawza b`talba ghan-nom ta` zewgt ahwa Cassano ohra Bernadette Gatt u Christine Scerri, Rikors Guramentat 353/2011 fit-3 ta` Frar 2012, liema decizjoni giet appellata u mhux appuntata. Din it-talba hija a bazi ta` l-istess testament u artikolu. Hemm il-lok ta` diskussjoni ta` astensjoni jew rikuza ta` din il-Qorti illi diga` esprimiet ruhha fuq il-materja. Ukoll hemm lok illi jigi dibattut il-gestjoni tat-tliet kawzi – dik pendenti ghas-sentenza quddiem Qorti diversament presjeduta, l-Appell minn sentenza fuq talba u punt identiku deciz minn din il-Qorti u l-kawza prezenti ;*

*3. ILLI ghalhekkghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta` l-esponent hija illi t-testment irid jinqara "quid unum" : dan ifisser, konsegwentement, illi ma hemmx accettazzjoni tat-testment inkondizzjonata u ta` l-eredita` ta` Alfred Cassano. B`hekk l-attur ma jistax minn naha ma joqghodux jew jaghti interpretazzjoni li jidhirlu hu lit-testment ta` missieru, u fl-istess waqt jaghzlu dawk id-disposizzjonijiet li huma konvenjenti ghalih. Bhala principju, jekk l-attur ghazel li jikkontesta interpretazzjoni ta` testament, ma jistax imbaghad jaghzel hu x`jorbot mill-partijiet ;*

*4. ILLI jsegwi ghalhekk illi l-azzjoni hija ntempestivita` f`dan l-istadju tat-talba, fil-mument li ma hemmx accettazzjoni tat-testment, izda proceduri litigjuzi fuqu ; l-attur ghandu jaghmel ghazla : il-konvenut kien u ghadu dispost*

*illi jhallas l-ammont minnhom mitlub jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru.*

*5. ILLI ghalkemm testament mhux kuntratt, dan ma jfissirx illi parti tista` taghzel partijiet minnu li tonora u partijiet ohra, le – jekk parti taghzel li timpunja, allura la darba gew kreati bit-testment ghal min jaccettah, drittijiet, dmirijiet u obbligi, isegwi illi l-ammont mhux dovut f`dan l-istadju. Ghalhekk f`dan l-istadju, jorbot il-principju "inademplendum non est ademplendi" – fis-sens illi jekk l-attur jrid joqghod ghat-testment, irid jaghmel il-parti tieghu. Jekk irid jirrinunzja ghall-eredita`, ghandhom triq ohra.*

*L-esponent ghalhekk qieghed jirriserva li jsejjah formalment lill-attur biex jindika ix-xelta tieghu formalment u jirriserva illi jeccepixxi ulterjorment fid-dawl tas-sentenza u anke fid-dawl tal-konsiderazjonijiet precedenti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat is-sentenza in parte li tat fit-13 ta` Marzu 2015 fejn cahdet it-tieni eccezzjoni, spejjez ghall-konvenut.**

**Rat illi ghalkemm il-konvenut appella mis-sentenza taghha, wara li kiseb permess skont il-ligi, l-appell tieghu mar dezert.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**L-attur** xehed illi huwa jigi hu l-konvenut. Ghandhom zewg huthom ohra li huma Christine u Bernadette llum mizzewgin. Missieru Alfred Cassano kien ghamel testment fis-26 ta` Awissu 2003. Fit-tieni artikolu ta` dan it-testment, thalla bhala prelegat lill-konvenut il-fond 81 u 82 St Julian`s Street, B`Kara bl-obbligu li l-konvenut ihallas lil hutu Lm17,000 kull wiehed. Skont it-testment, il-flus kellhom jithallsu fi zmien hames snin mill-mewt ta` missierhom. Missierhom miet fit-12 ta` Settembru 2004. Bhala parti mill-assi ereditarji ta` missieru kien hemm vettura BMW li hutu riedu jbieghu ghal Lm6,000. Huwa kien interessat jixtri din il-vettura u ghalhekk iffirma skrittura privata ma` hutu fejn kien miftiehem illi l-konvenut kellu jhallas Lm6,000 mis-Lm17,000 li kellu jiehu. L-iskrittura tinsab ghand il-konvenut. Ma tnaqqasx sehmu li kien ta` Lm1,500. Il-konvenut ghandu jhallsu Lm11,000 minflok Lm17,000 flimkien ma` Lm1,500 li huwa sehmu mill-vettura. Ighid illi l-unika kontestazzjoni li hemm dwar it-testment ta` missieru huma l-konfini tal-fond 81 u 82, St Julians Street, B` Kara. Din il-kwistjoni hija mertu ta` kawza bejn l-ahwa. Pero` hija kwistjoni li m`ghandha x`taqsam xejn ma` l-ammonti li jrid ihallashom il-konvenut. Tanti z-zewg kwistjonijiet mhux relatati illi dwar il-BMW il-konvenut kien accetta li jnaqqas il-valur tal-BMW mis-somma dovuta.

**Christine Scerri** xehdet illi hija tigi oht il-partijiet. Tghid illi hi u ohtha Bernadette Gatt kienu ghamlu kawza kontra l-konvenut sabiex jithallsu s-Lm17,000 kull wahda dovuti mill-konvenut skont it-testment ta` missierhom. Qalet illi l-vettura BMW kienet proprjeta` ta` missierha u kienu ftehmu l-erbat ahwa illi din tinbiegh lill-attur ghall-prezz ta` Lm6,000. Il-konvenut accetta li s-sehem taghhom johorgu hu stess mis-Lm17,000 li kellu jiehu l-attur. L-iskrittura kienet saret ghand in-Nutar Gerald Spiteri Maempel. Tghid illi fl-iskrittura sar zball peress li s-somma ta` Lm6,000 giet maqsuma bejn tlieta u mhux bejn erbgha. Wara li wara li saret il-*causa mortis* fil-11 ta` Marzu 2005, il-konvenut kien ipprezenta kont ta` missieru ta` xi dejn li kellu. Hija qalet li lil huha taghtu struzzjonijiet sabiex jaqta` dik is-somma li kienet madwar Lm660 mill-Lm2,000 li kellu jaghtiha. Spjegat li xi xahar wara, il-konvenut kien beda jaghtiha xi ammonti.

**Bernardette Gatt** xehdet illi hija tigi oht il-kontendenti. Skont it-temtment ta` missierha, il-konvenut kellu jhallas lit-tliet hutu l-ammont ta` Lm17,000 kull wiehed. Hi u ohtha Christine Scerri kellhom jaghmlu kawza kontra l-konvenut biex jaghtihom l-ammont dovut. Il-kawza kienet deciza favur taghhom izda l-konvenut ghamel appell. Dwar il-kwistjoni tal-BMW, din kienet parti mill-wirt tal-missier, u kien issemma l-prezz ta` Lm6,000 fiz-zmien meta kienu ser ibieghuha lil terzi. Il-konventut accetta li s-sehem taghhom tal-BMW johroghom huma s-Lm17,000 li kellu jiehu l-attur skont it-testment. Ikkonfermat li saret skrittura f`dan is-sens quddiem in-Nutar Gerald Spiteri

Maempel pero` fl-iskrittura kien sar zball fis-sens li s-somma ta` Lm6,000 kienet diviza bejn tlieta u mhux erbgha.

**Il-konvenut** xehed illi hutu ghamlu kawza fit-tentattiv li jiehdu d-dar bl-isem Romeo, Misrah it-Tigieg, B`Kara, peress li qeghdin ighidu li parti minn din id-dar mhjiex tieghu. Insista li d-dar hija kollha tieghu. Id-dar tinfed minn triq ghal triq. Mad-Dipartiment ta` l-Artijiet, hija registrata bhala art wahda, u ommu u missieru li kienu separati hallewlu lilu nofs indiviz kull wiehed. Huwa dejjem dar b`ommu. Issa hutu qed jikkontendu li l-garage mhux mad-dar u li l-ahhar testment mhuwiex validu. Huwa kkonferma li missieru halla fit-testment li jrid ihallas Lm17,000 lil kull wiehed minn hutu bhala kumpens u li huwa qed jirranga biex jaghtihomlom. Huwa sostna li lil huh kien gia` tah Lm7,000 u ghalhekk baqghalu jaghtih Lm10,000. Huwa waqaf ihallas peress li hutu ghamlulu l-kawzi. Ighid illi mhux accettabbli li hutu jinsistu fuq il-hlas tal-flus u fl-istess waqt qed jattakkaw it-testment. Huwa kkonferma li jrid ihallas lil hutu izda huma jridu jaccettaw it-testment. Sar ukoll mandat ta` inibizzjoni kontra tieghu biex ma jbieghx id-dar ; ghalhekk ma jistax ihallas. It-testment ta` missieru irid jigi accettat kif inhu mhux biss fejn jaqbel lil hutu biss.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed li bil-kawza li ghamlu kontra tieghu, hutu qed jippretendu li mill-grada tal-hadid ` l hemm hija tieghu mentri mill-grada `l hinn mhuwiex tieghu. Huwa insista li l-grada tal-hadid ilha tezisti mitejn sena u minn mindu xtara missieru. Fil-kaz illi l-kawza tkun deciza favur hutu, huwa jispicca bi proprjeta` ferm izghar minn dak li thalla. Skont it-testment ta` missieru, is-Lm17,000 kellhom jithallsu lil kull wiehed minn hutu bla imghax. Stqarr li missieru kellu BMW li riedha l-attur u rrangaw bejniethom li l-attur jaqta` Lm7,000 mill-ammont li kellu jiehu, b`differenzi zghar li kellu jaghti lil hutu l-bniet. Spjega li huwa beda jhallas sakemm imbaghad bdew jinfethu l-kawzi kontra tieghu. Ghalhekk wara li l-attur ha l-karozza kellhom jinqatghu Lm7,000 mill-ammont ta` Lm17,000. Huwa sostna li saret skrittura ghand in-Nutar Spiteri Maempel (Dok AC1). Kompla jghid li huwa hallas ghan-nom ta` huh Lm2,000 ohra hekk kif jirrizulta minn Dok AC 2 . Spjega li huwa hallas din is-somma biex ommu hadet lura c-cwievet ta` post Tas-Sliema u l-post gie f`idejn l-attur ; ghalhekk jassumi li ghandhom jitnaqqsu dawn l-Lm2,000 ukoll. Mistoqsi mill-Qorti, huwa sostna li rabat il-kreditu ta` Lm2000 ma` huh l-attur ghax il-post Tas-Sliema hadu huh skont it-testment.

## III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mhux kontestat illi s-successjoni ta` Alfred Cassano (missier il-partijiet) li miet fit-12 ta` Settembru 2004 hija regolata b`testment tas-26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (fol 3 u 4). Skont dan it-testment,

l-eredi ta` Alfred Cassano huma l-erba` uliedu, inkluzi l-partijiet. Fit-testment, thalla prelegat fit-tieni artikolu li jaqra hekk –

*It-testatur ihalli b`titolu ta` prelegat in piena u assoluta propjeta` lil ibnu Alessandro Cassano bis-sostituzzjoni volgari ta` uliedu kwalunkwe sehem li huwa (cioe` t-testatur) ikun jippossjedi f`jum mewtu, anke jekk dana jkun l-intier, mid-dar Birkirkara, Saint Julians Street, numri wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) bl-obbligu pero` fl-imsemmi prelegatarju li fi zmien hames snin mill-mewt ta` l-istess testatur ihallas lil kull wiehed u wahda mit-tlett hutu s-somma ta` sbatax-il elf lira (Lm17,000) ghal darba wahda ; liema somma ta` sbatax-il elf lira (Lm17,000) l-istess testatur qieghed ihalli b`titolu ta` prelegat in piena propjeta` lil kull wiehed u wahda mit-tlett (3) uliedu l-ohra li jisimhom Bernadette mart Vincent Gatt, Christine mart Albert Scerri u Martin ahwa Cassano bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom.*

Abbazi tal-provi akkwiziti jidher car li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-mertu billi l-konvenut qed jaccetta li ghandu jhallas lill-attur, ghalkemm ma hemmx qbil bejniethom dwar l-ammont preciz li huwa dovut, izda il-konvenut qed jinsisti li m`ghandux jibqa` jhallas lill-attur sakemm tigi risolta l-kontestazzjoni ta` bejniethom dwar il-konsistenza ta` l-immobbli li thalla bi prelegat lill-konvenut, peress li, skont il-konvenut, l-attur ma jistax b`nifs wiehed jaccetta l-prelegat ghal dak li jirrigwarda l-kumpens dovut lilu, u mbaghad ma jaccettax il-prelegat fir-rigward ta` l-estensjoni ta` l-immobbli mertu tal-istess prelegat. Ghaldaqstant billi ghad irid jigi deciz finalment mill-qrati tal-immobbli mertu tal-prelegat, il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas lill-attur l-flus li thallew lilu bhala effett tal-istess disposizzjoni testamentarja, kostatat il-fatt li ghaddew aktar minn hames snin mill-mewt ta` Alfred Cassano.

Jirrizulta li l-konvenut mhuwiex jiddisputa li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tghid li wara li jghaddu hames snin mill-mewt ta` missieru, huwa jrid ihallas lil kull wiehed mit-tliet hutu ghal darba wahda biss is-somma ta` Lm17,000 pero` qieghed jirrifjuta li jeffettwa dak il-hlas dment illi tibqa` pendenti l-kawza l-ohra dwar il-konsistenza tal-legat. Skont il-konvenut, sakemm tkun finalment deciza dik il-kawza, ma ghandux isir hlas lill-attur. Min-naha tieghu, l-attur jinsisti li d-dritt tieghu ghall-hlas ta` s-Lm17,000 huwa mpregudikat u ma jistax jigi effettwat mill-istanza tieghu fil-kawza l-ohra, ghaliex b`dik il-kawza, mhux qieghed jikkontesta l-ghoti tal-prelegat, izda qieghed jitlob decizjoni mill-Qorti dwar il-konsistenza tal-istess.

Ma jirrizultax li t-testment ta` Alfred Cassano qieghed jigi kontestat mill-kontendenti. Jirrizulta li l-kontendenti accettaw il-wirt kif inhu u minghajr riservi. Il-kontenzjoni tal-konvenut hija li l-accettazzjoni tal-wirt da parti tal-attur ma tistax tkun kondizzjonata. Din il-Qorti qieset din il-linja difensjonali pero` ma tistax taqbel ma` dak li qieghed jippretendi l-konvenut. Dak li qed jigi

dibattut fil-kawza l-ohra mhuwiex il-prelegat tad-dar. L-atturi fil-kawza l-ohra qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-prelegat ma jinkludix il-fond "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara, ghaliex mhux parti mid-dar imhollija bi prelegat lill-konvenut. Fl-istess waqt ladarba il-prelegat tad-dar mhuwiex in kontestazzjoni, il-konvenut ma jistax jikkondizzjona l-hlas tal-flus dovuti lill-attur fuq il-pretest li ghadu ma giex immess fil-pussess ta` dak li fil-fehma tieghu kiseb bil-prelegat.

Fil-kawza tal-lum, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li taghti interpretazzjoni tal-konsistenza tal-prelegat tad-dar. Fil-mori ta` din il-kawza, inghatat sentenza fil-kawza l-ohra precizament fil-5 ta` Mejju 2016 (fol 63) fejn kienu milqugha t-talbiet ta` l-atturi ; *inter alia* kien iddikjarat li l-fond Romeo, Misrah it-Tigieg, Birkirkara, mhux kompriz fil-prelegat imholli lill-konvenut. Billi appella minn dik is-sentenza, il-konvenut qed jinsisti fuq l-eccezzjonijiet li gab fil-kawza tal-lum.

Dan premess, din il-Qorti, kif ghamlet fis-sentenza taghha tat-3 ta` Frar 2012 fil-kawza "**Bernardette Gatt et vs Alessandro sive Sandro Cassano**" tafferma illi meta t-testatur ihalli legat, u jghid lill-legatarju biex jaghti xi haga lil terza persuna jew li jaghmel xi haga ghal dik it-terza persuna, ikun hemm legat oneruz u t-terz bhala sublegatarju ghandu d-drittijiet kollha li l-ligi taghti lill-legati. Kien citat fid-decizjoni dak li kien inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Marzu 1963 fil-kawza "**Debono et vs Falzon et**" dwar l-hekk maghruf bhala "*legato con onere*", li jirrikorri meta, fil-kliem tal-Laurent, Vol XII, pag 468, "*il testatore prescrive al legatario di dare qualche cosa ad un terzo, o di dare qualche cosa per un terzo*". Dan l-awtur jiccita lil Ricord li appuntu jsejjah disposizzjonijiet simili "*onerose*". Ikompli jghid il-Laurent – pag 469 – "*L`onere e` una liberalita` che il testatore fa al terzo ; questi e` un legatario ed ha tutti I diritti che la legge annette a legati".* Kif kompliet tghid din il-Qorti dwar l-istess kwistjoni bhal dik tal-lum fil-kawza appena citata "**Gatt et vs Cassano**" huwa evidenti li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tinkorpora zewg prelegati. Mhux kontestat li l-konvenut accetta l-prelegat tad-dar. Daqstant iehor mhux kontestat li l-attur accetta id-disposizzjoni de qua kif del resto ghamel tal-wirt kollu kemm hu. Fil-kawza l-ohra, pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell, l-attur mhuwiex jittenta illi jimpunja id-disposizzjoni de qua. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li ma jhallasx il-prelegat l-iehor tal-flus, li ghalkemm relatat huwa distint mill-prelegat tad-dar, prelegat tal-flus fejn l-attur huwa terz ghall-konvenut fir-reklam tieghu li jircievi l-hlas dovut minghand il-konvenut kif tghid id-disposizzjoni testamentarja.

**Tenut kont li l-eccezzjonijiet tal-konvenut mhux ser jintlaqghu, il-Qorti sejra tqis il-kwistjoni tal-quantum attwalment dovut lill-attur mill-konvenut.**

Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont li ghadu dovut, peress li minkejja li qablu t-tnejn li mis-somma ta` Lm17,000 skont it-tieni artikolu tat-testment ta` Alfred Cassano, sehhet tpaccija, ma hemmx qbil dwar kemm kien l-ammont effettivament pacut.

Minn ezami tal-provi li ressqu l-partijiet rispettivi, jidher li kemm konflitt ta` versjonijiet.

Dwar materja ta` din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Xuereb vs Gauci et**" qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*

Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak**" fejn inghad hekk –

*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru,1966, li -*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.*

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" –*

*"mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo".*

*(ara wkoll – "Ciantar vs Curmi noe" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003).*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**", kienu citati l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tal-25 ta` Frar 1952 fil-kawza "**Zammit vs Petrococchino**" u tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) tal-5 ta` Marzu 1986 fil-kawza "**Vassallo vs Pace**" fejn kien inghad illi "*l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Punt iehor relevanti huwa li l-attur xorta jrid jipprova l-bazi fattwali li fuqha qed jibni l-azzjoni tieghu. Infatti l-Qorti ta` l-Appell Sede Inferjuri spjegat fis-sentenza taghha tad-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**Maltacom plc vs Kurt Galea Pace**" illi bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta` pagamenti ta` debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f`kaz ta` dubju ragonevoli jekk l-ammont huwiex dovut jew le, id-dubbju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa` fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.

Dan premess, il-Qorti sejra tqis id-divergenzi :-

**a) Il-bejgh tal-vettura BMW lill-attur**

Dwar l-ammont li ghandu jigi pacut bl-akkwist tal-vettura BMW li kienet taghmel parti mill-wirt ta` Alfred Cassano, jidher li l-attur hareg b`verzjoni kemxejn konfuza :-

a) Fir-rikors guramentat, huwa sostna li mis-Lm17,000 dovuti lilu, saret tpacija ta` parti mis-somma li biha sar l-akkwist ta` BMW. Fl-istess rikors

guramentat, l-attur isostni l-prezz tal-vettura kellu jitnaqqas mis-Lm17,000 fejn il-konvenut kellu jhallas Lm2000 lil hutu l-ohra Bernardette Gatt u Christine Scerri mentri kulma hallas kien Lm1,500. Kompla jghid ghalhekk li kien fadal x`jithallsu Lm13,500 ekwivalenti ghal €31,468.53.

b) Fl-affidavit tieghu, l-attur ighid illi l-prezz tal-vettura kien ta` Lm6,000 u li kienet saret skrittura ffirmata bejn l-ahwa kollha fejn il-konvenut accetta li jhallas hu s-Lm6,000 minn dawk is-Lm17,000. B`dak l-arrangament, il-konvenut kellu sehmu ta` Lm2,000, waqt li z-zewg hutu l-ohra kellhom sehem ta` Lm2,000 kull wiehed. Fil-fatt izda is-sehem ta` kull wiehed mill-erbat ahwa kellu jkun ta` Lm1,500. Jinghad mill-attur illi ghandu jiehu Lm11,000 flimkien ma` Lm1,500 : total ta` Lm12,500.

c) Fis-sottomissjonijiet finali, id-difensur ta` l-attur sostna li l-prezz tal-vettura kien ta` Lm6,000 izda kien hemm spejjez ta` Lm1,000 ghal xogholijiet li l-attur kellu jonfoq fuq il-vettura. Ghalhekk fisser illi kienet qeghda tintalab il-figura ta` Lm13,500 (ekwivalenti ghal €31,446.54) peress li mat-Lm12,500 kellha tizdied ukoll Lm1,000 li ntefqet bhala spejjez. Tajjeb jinghad illi din l-Lm1,000 ma ssemmiet imkien fl-istadju tal-gbir tal-provi ; harget biss waqt is-sottomissjonijiet tal-ahhar. Il-Qorti `ghandha l-ebda provi dwa dawn l-Lm1000 spejjez.

Biex isostni l-verzjoni tieghu, l-attur gab `il quddiem ix-xiehda ta` hutu l-bniet. Irrizulta li dawn kienu diga` ghamlu kawza kontra l-konvenut sabiex jithallsu l-Lm17,000 dovuti lil kull wahda minnhom li kienet deciza favur taghhom fil-prim`istanza u li llum hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Dawn hutu l-bniet huma wkoll atturi fil-kawza l-ohra pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell fejn qed jintalab li jigi dikjarat li l-prelegat ma jinkludix id-dar Romeo, Misrah it-Tigieg, B`Kara.

L-ahwa bniet sostnew li l-prezz miftiehem dwar il-vettura kien ta` Lm6,000 u li kienet saret skrittura bejn l-ahwa kollha ghand in-Nutar Spiteri Maempel izda frott ta` zball is-somma ta` Lm6,000 kienet diviza bejn tlieta minflok bejn l-erbat ahwa.

Il-Qorti tghid illi l-attur u hutu l-bniet ma ressqux kopja ta` l-iskrittura ghax qalu li din kienet ghand il-konvenut.

Tajjeb jinghad illi fix-xiehda taghhom l-ahwa l-bniet ma semmew xejn dwar Lm1,000 li nefaq huhom l-attur.

Del resto l-attur ma ressaq l-ebda prova ohra ghajr il-premess.

Min-naha tieghu, il-konvenut gab bhala prova l-original ta` r-ricevuta datata 17 ta` Novembru 2004 li permezz taghha l-attur ddikjara li rcieva minghand il-konvenut is-somma ta` Lm7,000 akkont tas-somma ta` Lm17,000 dovuti mill-konvenut ai termini tat-testment tas-26 ta` Awissu 2003. Ir-ricevuta a fol 61 jidher li kienet iffirmata minn zewg persuni li wiehed minnhom kien qed jagixxi bhala xhud tal-firma. Jidher mit-timbru li hemm fil-parti ta` isfel tad-dokument li l-firma kienet tan-Nutar Dottor Gerard Zammit Maempel. Fl-iskrittura, ma hemm l-ebda referenza ghall-akkwist tal-vettura, izda semplici ricevuta, fejn lanqas tnizzel min kien qed jircievi. Mix-xiehda dwar din l-ircevuta, il-konvenut spjega li s-somma ta` Lm7,000 kienet thallset fir-rigward ta` sehem l-attur. Waqt il-kontroezami, tali dikjarazzjoni ma gietx kontradetta, u ghalhekk jidher li ma kienx hemm xi kontestazzjoni da parti tal-attur li huwa ma kienx firmatarju ta` dik l-iskrittura.

Inoltre tajjeb jigi rilevat li kif inghad fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fit-28 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**John Baptist Zammit vs John Grech**" sa minn zmien sekolari jvigi fis-sistema probatorju taghna l-principju li mhix ammissibbli l-prova testimonjali kontra jew b`zieda ta` kitba. Issa huwa veru wkoll illi ghal dan l-istess principju jezistu eccezzjonijiet. Infatti, intqal li biex l-iskritt jigi ribattut, tinhtieg il-prova ta` l-ezistenza tas-simulazzjoni u, jista` jizdied ukoll, il-frodi jew raguni ohra valida, jew li l-kitba kienet ambigwa jew xi patt incidentali u accessorju. Madanakollu, fil-kaz odjern, ma saret l-ebda prova dwar in-nuqqas ta` l-attendibbilita` tad-dokument a fol 6.

Meta din il-Qorti tqis id-diskordanza fil-verzjonijiet tal-attur, u tgharbel il-verzjoni tal-konvenut li giet sostanzjata b`dokument li ma giex kontradett mill-attur, hija l-verzjoni tal-konvenut li ghandha tigi milqugha, fis-sens li mis-Lm17,000, kienu thallsu Lm7,000. Dan huwa wkoll in linea mar-regola ben affermata illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba *(Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur").*

Din il-Qorti ma tarax li giet sodisfacentement ippruvata l-allegazzjoni ta` l-attur li mis-Lm6,000 (li imbaghad skont l-iskrittura ezebita rrizultaw li kienu Lm7,000) sar zball u ma giex ikkalkolat sehmu mill-vettura. Din il-Qorti hija propensa li tifhem li l-ftehim kien li l-attur ihallas Lm6,000 bhala prezz tal-vettura lit-tlett hutu minghajr ma jerga` jitnaqqas sehmu minn dak il-prezz..

Ghalhekk mis-Lm17,000, irrizulta li kien ghad fadal Lm10,000 (ekwivalenti ghal €23,293.73) x` jithallas lill-attur.

**b) <u>il-fond Tas-Sliema</u>**

Il-konvenut sostna li mill-Lm10,000 li kienu ghadhom dovuti lill-attur, skont it-tieni artikolu tat-testment, kellha titnaqqas is-somma ta` Lm2,000 li kien hallas biex l-inkwilin Vincent Pisani jiehu kumpens ghal xogholijiet u miljoramenti li kien ghamel fil-proprjeta` appartenenti lil omm il-partijiet Tas-Sliema.

Il-konvenut sostna li ommu li kienet separata minn missierhom halliet il-fond ta` Tas-Sliema lill-attur u ghalhekk meta huwa hallas Lm2,000 dan kien qed jaghmlu a beneficcju ta` l-attur. Per konsegwenza, dawk l-Lm2,000 ghandhom jitnaqqsu wkoll mis-somma ta` Lm17,000 peress li dak il-hlas sehh ghall-beneficcju ta` l-attur li kien ser igawdi minn pussess vakanti. Mill-banda l-ohra, l-attur jikkontesta li dak l-ammont ghandu jigi pacut mad-dovut minnu.

Dwar din l-allegazzjoni, il-Qorti mhijiex tara li l-konvenujt ghandu ragun.

Infatti skont l-iskrittura ezebita a fol 62 jidher illi meta saret fis-17 ta` Settembru 2004, is-sid ta` l-proprjeta` Tas-Sliema kienet omm il-kontendenti, li kienet ghadha hajja. Huwa minnu li l-konvenut deher ghan-nom ta` ommu fuq dik l-iskrittura izda minn imkien ma tressqet xi prova sodisfacenti li l-Lm2,000 effettivament ma thallsux mis-sid ossija omm il-partijiet, u mhux mis-sostanzi personali ta` l-konvenut, hekk kif jidher li qed jallega b`mod indirett fix-xiehda tieghu. Barra minn hekk, lanqas ma tressqu provi dwar l-eredita` ta` omm il-partijiet sabiex jigi stabbilit min kienu l-eredi taghha, jew illi huwiex minnu li d-dar thalliet lill-attur. Lanqas ma tressaq xejn dwar divizjoni ommeno tal-wirt ta` omm il-kontendenti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba.**

**Tipprovdi dwar it-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro, u tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73c), bl-imghax legali b`effett mit-13 ta` Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**